plići ta' Nestu s-seftur, li kien fis-sakra: "Qiek dak in-nhar li rajtu jaghtik f'idejn is-sinjura tiegħu u jgħidilha... u jgħidilha... ħa, ħa, ħaj." (Ara paġ. 17). Il-perijodu ta' tmien snin huwa twil wisq bejn it-tieni u l-aħħar att għal żewġt iħbieb bħalma kienu Naudi u Cammenzuli bla ma jaraw lil xulxin meta dawn baqgħu fl-istess pajjiż ċkejken bħalma hija Malta — meta dawn iż-żewġt iħbieb, wieħed huwa mużiku u l-ieħor librettista, li kif għandek tistħajjel, messhom dlonk jiltaqgħu mħabba x-xogħol tagħhom. Iżda li ma kienx hekk, l-epilogu ma kienx ikollu l-effett tiegħu. Id-djalogi għandhom in-naturalezza tagħhom, u fuq hekk, G. Pisani wera sengħa kbira neħħi bħalma għidna xi espressjoni iebsa, tal-Palk.

'L hawn u 'l hinn nosservaw xi għiltijiet ta' l-ortografija li b'daqsxejn ta' ħsieb wieħed sata' jaħrabhom u li nittamaw li jissewwew f'edizzjoni oħra.

Fil-waqt li wara kollox nifirħu lill-awtur għall-ħila tiegħu fl-arti drammatika maltija li biha qiegħed igħin hekk tajjeb biex il-Palk Malti jintrafa' mill-għajb ikreh li fih kien, nittamaw li 'l quddiem il-pinna tiegħu għalliela tagħtina xogħlijiet oħra li jissoktaw jagħmlu ġieħ lil ismu u lil Art twelidu.

A. C.

---

## LISTA TA' KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-GĦAJNUNA TAR-RIVISTA "IL-MALTI"

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kav. Dr. Ġ. Galea, M.D., D.P.H. ... ... ... | £6 | 0 | 0 |
| Sur A. Cremona ... ... ... ... ... ... | 1 | 0 | 0 |
| Sur Ġ. Chetcuti ... ... ... ... ... ... | 1 | 0 | 0 |
| Sur V. Apap ... ... ... ... ... ... | 1 | 0 | 0 |
| Sur G. Zarb Adami ... ... ... ... ... | 1 | 0 | 0 |
| Sur L. Said ... ... ... ... ... ... | | 17 | 6 |
| Rev. Patri Lett. N. Magro, O.F.M. ... ... ... | | 5 | 0 |
| Sur M. Micallef ... ... ... ... ... ... | | 5 | 0 |

**Infakkru illi l-kontribuzzjonijiet ta' flus għandhom jinbagħtu għand il-Kaxxier, Victor Apap, 150, Tower Road, Tas-Sliema.**



## MATINEE LYRIQUE FIL-KAŻIN TA' L-ISTUDENTI TA' L-UNIVERSITA'

Fid-29 tax-xahar li għadda fil-Każin ta' l-Istudenti ta' l-Università sar *Matinée Lyrique* organizzat mill-"Għaqda tal-Malti (Università)". Il-ħsieb ta' dan *il-Matinée Lyrique* huwa li jdewwaq il-ħlewwa u qawwa tal-poeżija Maltija miktuba minn poeti Maltin tal-lum li bil-għanja tagħhom imnebbħa minn idejiet oriġinali, għolja u artistiċi, qiegħda, bħall-poeżija moderna f'ilsna oħra, iżżviluppaw il-letteratura Maltija u tagħtiha l-isbaħ xejra fl-arti lirika.

Il-mużika mqabbla mal-ħsieb u r-ritmu ta' kull poeżija li ntqalet kienet magħżula u mmexxija mis-Surmast Pace li wera l-akbar ħila biex iqabbel u jissinkronizza. Ma noqogħdux insemmu l-poeżiji li ntqalu għax il-wisa' tar-rivista ma jagħtiniex, biss ingħidu li l-poeżiji li kienu magħżula mill-istudent Wallace Gulia, B.Sc., laqtuna kollha kemm huma, l-iktar għaliex min qalhom għaraf jagħtihom it-ton, ix-xejra u l-lewn ta' leħen li kien jixirqilhom u jimxi mal-melodija ritmika ta' versi u mużika flimkien.

Tkellem l-ewwelnett l-istudent Gulia li, kif għedna, kellu l-akbar sehem fil-għażla tal-poeżiji, fejn fisser l-iskop ta' dik il-laqgħa u qal ukoll illi l-versi li ntgħażlu ma kinux ta' bil-fors l-aħjar eżemplari ta' poeżija Maltija, iżda poeżija magħżula għal dik l-okkażjoni ta' l-ewwel *Matinée Lyrique*.

Wara li għalaq il-programm mużiku-letterarju tkellem il-Professur Aquilina, bħala President tal-"Għaqda tal-Malti" ta' l-Istudenti Universitarji, fejn faħħar il-ħsieb sabiħ ta' dik il-laqgħa u fisser il-bżonn li jibqgħu jsiru minn dawk il-laqgħat hekk sbieħ fid-divertiment intellettwali tagħhom u fisser ukoll it-tama illi, barra t-Teatru Nazzjonali li l-Gvern kien biħsiebu jwaqqaf, fl-Università tingħażel jew tinbena Sala għal dawk il-laqgħat u rappreżentazzjonijiet teatrali. Fl-aħħarnett, l-Onor. Boffa, li kien mas-Sinjura tiegħu fost il-mistednin, tkellem u għalaq dik il-laqgħa billi wettaq it-tama li l-Gvern ikun jista' jgħin biex f'Malta jkollna t-Teatru Nazzjonali tagħna.

Nixtiequ fl-aħħarnett ingħidu illi dik il-laqgħa kienet ukoll imħennija mhux ftit f'għeluq kull taqsima tal-programm mill-pjanisti, is-Sinjurini Adriana u Aurora Abela, L.R.S.M. (Londra) u Cora Agius Ferrante u mill-vjolinista s-Sur Raphael Attard, li s-sengħa tagħhom fid-daqq tal-pjanu u tal-vjolin għaxxqet lil kull min semagħhom.

—— :0 :——

## AVVIŻ EDITORJALI

**Jiddispjaċina illi mħabba n-nuqqas ta' wisa' għal din id-darba kellna nħallu barra xi kontribuzzjonijiet ta' proża u poeżija, fosthom xi reċensjonijiet.**